MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 320/2010

**Il-Pulizija
v.
Mohamed Muse Ali
Mohamed Hasan Ibrahim**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra l-imsemmija Mohamed Muse Ali u Mohamed Hasan Ibrahim talli nhar-il 25 ta' Dicembru 2008 ghal habta tas-02:00 ta' filghodu gewwa Birzebbugia Promenade limiti ta' Triq San Patrizju, Birzebbugia:

(1) bil-hsieb li jaghmlu delitt cioe`, bil-vjolenza jikkommettu stupru fuq il-persuna ta' AB ta' sbatax-il sena, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tal-hati, jew inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom;

(2) fl-istess jum, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmija AB kontra l-volonta` taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

(3) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’eghmil zieni, ikkorrompew lil AB, minorenni ta’ sbatax-il sena, liema reat sar b’qerq;

(4) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, eccitaw, ghinu jew iffacilitaw il-korruzzjoni ta’ l-istess imsemmija minorenni ta’ taht l-eta`, cioe` AB;

(5) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ippartecipaw f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta`, cioe AB;

(6) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew attentat vjolent ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuna cioe` AB;

(7) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, gabu ruhhom b’tali mod li taw fastidju lil persuna AB u xi persuni ohra u b’mod li jkunu jafu jew kien imissu jkunu jafu li dan kien ta’ fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuna ohra;

(8) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, offendew il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;

(9) fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instabu fis-sakra b’mod li ma kinux jistghu jiehdu hsieb taghhom innifishom.

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet ukoll mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni nvoluti u l-familja taghhom ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija Mohamed Muse Ali u Mohamed Hasan Ibrahim sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Gunju 2010 li permezz taghha dik il- Qorti sabet lill-imsemmija Mohamed Muse Ali u Mohamed Hasan Ibrahim hatja ta’ attentat ta’ kongungiment karnali bi vjolenza, mhux hatja tat-tieni (2) imputazzjoni, li minnha illiberathom, hatja tat-tielet (3) sad-disa’ (9) imputazzjoni, bit-tielet sat-tmien (8) imputazzjoni assorbiti ai fini ta’ piena fl-ewwel (1) imputazzjoni u, wara li rat l-Artikoli 18, 41(1)(a), 42, 198, 201(b), 203(a), 204C, 207, 209, 251A, 251C, 339(n) u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannathom ghal erba’ (4) snin prigunerija kull wiehed u minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li qattaw f’arrest preventiv. Inoltre, il-Qorti ikkundannathom ihallsu l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dawn il-proceduri;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Mohamed Muse Ali u Mohamed Hasan Ibrahim ipprezentat fit-8 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tvarja, temenda u tbiddel is-sentenza appellata billi:

(1) fir-rigward tal-imputat Mohamed Muse Ali, filwaqt li tikkonferma li huwa mhuwiex hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, thassar u tirrevoka d-dikjarazzjoni ta’ htija ta’ l-imputazzjonijiet numri wiehed, tlieta, erbgha, hamsa, sitta, sebtgha u tmienja u minflok tiddikjarah mhux hati u kwindi tilliberah minnhom, ma jkunx ikkundannat ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi fil-proceduri, u tikkonferma l-htija tieghu fir-rigward biss tad-disa` imputazzjoni u kwindi thassar il-piena ta’ erba` snin

karcerazzjoni u taghtih piena adatta ghad-disa' imputazzjoni biss; u

(2) fir- rigward tal-imputat Mohamed Hasan Ibrahim, filwaqt li tikkonferma li huwa mhuwiex hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, thassar u tirrevoka d-dikjarazzjoni ta' htija tieghu ta' l-imputazzjonijiet numri wiehed, tlieta, erbgha, hamsa u sebgha u minflok tiddikjarah mhux hati u kwindi tilliberah minnhom, u tikkonferma l-htija tieghu fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet l-ohra u kwindi thassar il-piena ta' erba` snin prigunerija u taghtih piena aktar adatta.

Alternattivament, l-appellanti talbu li f'kaz li din il-Qorti ma taqbilx mat-talbiet taghhom kollha jew parti minnhom, hija tbiddel il-piena ta' erba` snin prigunerija inflitta fuqhom u taghtihom piena ridotta aktar adattata, mehud kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li kien hemm nuqqas ta' provi dwar dak li gara ezattament; (2) li l-elementi ta' stupru/kongungiment karnali jeskludu t-tentattiv, u mill-provi la jirrizulta li kien hemm penetrazzjoni u lanqas bidu ta' penetrazzjoni. Barra minn hekk jibqa' dubju kbir jekk kienx hemm xi kunsens jew le waqt li sehhew il-fatti stante li l-allegata vittma ma tiftakarx x'gara. F'kull kaz, ir-reat li kellu jigi kkunsidrat hawn kellu jkun dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur stante li legalistikament tentattiv ta' stupru jekwivali ghal attentat vjolenti ghall-pudur meta l-elementi tar-reat ta' stupru ma jiverifikawx ruhhom; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, kien hemm l-impossibilita` fizika li jsehh ir-reat ghax fl-istat ta' sakra li kienu fihom l-appellanti, il-probabbilta` kbira, jekk mhux ic-certezza, kienet li kien fizikament impossibbli ghalihom li jikkommettu r-reat ta' stupru. F'dak l-istat anqas seta' kellhom il-mens rea

specifika li jikkommettu stupru. Il-fatt imbaghad li l-appellanti nqabdu mill-Pulizija jiznudaw mhuwiex fih innifsu prova tal-kapacita` fizika taghhom li jikkommettu l-att sesswali. Skond l-appellanti fil-fatt la huma u lanqas l-allegata vittma (li l-livell ta' alkohol fid-demm kien oghla minn dak ta' l-appellanti) ma kienu jafu x'qeghdin jaghmlu minhabba s-sakra li kienu fiha. Dwar l-appellant Mohammed Muse Ali, dan lanqas instab fejn l-allegata vittma izda fuq bank ghalih u hemm konflitt fix-xiehda tal-Pulizija dwar kemm kien imnezza'. Mix-xiehda tal-Pulizija wkoll jirrizulta li dan ma kien qieghed jaghmel xejn u lanqas ma deher li kien se jipprova xi haga lill-allegata vittma.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett, b'referenza ghat-tieni aggravju, li l-appellant m'ghandux ragun meta jghid li l-elementi ta' stupru jeskludu t-tentattiv. Issa, biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti r-reat. Izda jekk ma tkunx ghadha bdiet dik il-konnessjoni karnali u l-aggressur ikun ghamel certi atti li juru li huma diretti biex ikun hemm tali konnessjoni, hemm wiehed jista' certament jitkellem dwar tentattiv. L-artikolu 207 stess tal-Kodici Kriminali jirreferi ghall-possibilita` li jkun hemm tentattiv ta' stupru meta jipprovdi li kull min "jinsab hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel …." (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-Professur Mamo jghid[1]:

**"Another question which is discussed in connection with the crime of rape is whether it admits of attempt. The better doctrine is that it does. We have already seen that if there is as much as a commencement of the carnal connection, the crime is completed and not merely attempted. But if there are oyher acts committed with violence and which do not amount to a commencement of the connection itself but constitute a commencement of the execution of the**

[1] Notes on Criminal Law, Revised Edition 954 – 1955, p. 197.

**crime, and are clearly directed to the carnal connection, then there will be an attempted rape."**

L-aggravji l-ohra jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u tosserva fl-ewwel lok illi dawk li l-appellanti jqisu bhala konflitti fix-xiehda tad-diversi pulizija huma principalment konflitti apparenti peress illi jrid jitqies li mhux il-pulizija kollha waslu fl-istess mument, u ghalhekk mhux kollha raw jew ghamlu precizament l-istess haga. U anke fejn jezisti konflitt, dan ma jfissirx illi l-Qorti trid awtomatikament tasal ghal liberazzjoni izda trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Osservazzjoni ohra li trid taghmel din il-Qorti hi li

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda u ghalhekk kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda" u "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

L-appellanti jehduha bhala dato di fatto a bazi tax-xiehda tal-psikjatra it-tabib Dr. John Mifsud li minhabba l-istat ta' sokor taghhom ma setax ikollhom erezzjoni, u ghalhekk hawn si tratta ta' *"an impossible attempt"*. Issa, filwaqt illi huwa minnu illi Dr. Mifsud jesprimi certu dubju dwar kemm setghu l-appellanti jottjenu erezzjoni, huwa qal ukoll – u ghal dan l-appellanti ma ghamlu l-ebda referenza – fuq mistoqsija tal-Qorti jekk jeskludix il-possibilita` ta' erezzjoni, li: *"Ma tistax teskludi."*

L-appellanti jghidu li tant kienu fis-sakra li ma setax ikollhom il-*mens rea* mehtieg biex jikkommetu r-reat ta' stupru u lanqas dak ta' korruzzjoni ta' minorenni. Huwa minnu li z-zewg appellanti kellhom ammont gholi ta' alkohol fl-urina, u anke li Dr. Mifsud qal li dan jikkawza konfuzjoni mentali. Irid jinghad, pero`, u dan indikah hu stess, li ma ezaminax lill-appellanti. Anke l-pulizija jirreferu ghall-istat ta' sokor ta' l-appellanti u kif xi hin bdew anke jirregettaw. Izda jirrizulta l-ewwelnett li l-appellanti kienu xorbu l-alkohol <u>minn rajhom</u>. Barra minn hekk, mix-xiehda tal-vittma jidher li qabel ma sar it-tentattiv ta' stupru fuqha kien hemm xi tilwima bejniethom – dwar min kien se jmur l-ewwel, issaqsi l-Qorti. Imbaghad il-fatt li l-vittma tnezzghet – u qed jinghad hekk minhabba l-offizi li garrbet – u l-agir taghhom fil-konfront taghha juri car u tond li kienu kapaci jifformaw l-intenzjoni ta' dak li riedu jaghmlu.

L-appellanti jissuggerixxu li seta' kien hemm kunsens da parti tal-vittma. Din il-verzjoni hi mxejna fl-ewwel lok minn dak li sema' Robert Attard li kien fil-gallarija faccata ta' fejn gara l-incident izda li ma setax jara x'kien qieghed jigri. Huwa sema' lehen ta' tfajla qisha tokrob imbaghad semaghha tghid "Halluni" xi erba' darbiet. Stefania Zerafa kienet ukoll fil-gallarija u semghet lehen ta' tfajla tghajjat ghall-ghajjut. Kieku kien hemm xi forma ta' kunsens da

parti tal-vittma, zgur ma kinitx tghid lil min kien qieghed jipprova jaggrediha sesswalment biex ihalliha, jew li tghajjat ghall-ghajjut. Hawn din il-Qorti trid tissotlineja wkoll illi l-fatt li l-vittma kienet qed tghajjat "halluni" jfisser li kienet qed tigi aggredita minhom it-tnejn. Barra min hekk, hemm ix-xiehda ta' W.P.C. 219 Erika Abela li akkompanjat lill-vittma l-Isptar. Irid jinghad li l-livell ta' l-alkohol fl-urina tal-vittma kien oghla sahansitra minn dak ta' l-appellanti, u W.P.C. 219 qalet li ma tantx kienet fi stat li tista' tkellimha. Pero` qalet li bdiet tghid "Jaqq, jaqq x'ghamluli s-suwed". Dan certament mhuwiex diskors ta' persuna li halliet lil xi hadd jaghmlilha xi haga bil-kunsens taghha. Jigifieri nonostante l-istat ta' inebrijatezza taghha, irrejalizzat li kienet giet aggredita sesswalment. Hemm imbaghad il-fatt li l-vittma kellha numru ta' abrazjonijiet u tbengil fuq il-persuna taghha – xofftejha, sidirha, kuxxtejha – kollha indikattivi ta' aggressjoni u ta' rezistenza da parti taghha.

Issa, mix-xiehda ta' P.S. 645 Jerry Attard jirrizulta li hekk kif wasal fuq il-post ra lill-vittma ma' l-art gharwiena u l-appellant Mohamed Hasan Ibrahim bejn saqajha jidher li qed jaghmel l-att sesswali. Kif ra lill-Pulizija qam jigri u harab u fil-pront l-appellant Mohamed Muse Ali qam minn fuq bank fejn kien diga` bil-jeans imnizzel u liebes *boxer shorts* u nizel fuq it-tfajla. Lil Muse Ali zammewh u lil Ibrahim qabduh. Dan kellu z-zipp tal-qalziet imnizzel.

L-Ispettur Alexander Miruzzi wasal fuq il-post wara li l-appellanti kienu diga` arrestati. L-appellant Muse Ali kellu l-qalziet imnizzel u kien liebes *boxer shorts* filwaqt illi l-appellant Ibrahim kellu z-zipp tal-qalziet imnizzel u l-parti genitali barra.

P.C. 22 Stephen Micallef jghid li ra liz-zewg appellanti bil-qalziet imnizzel u bil-parti genitali barra.

P.C. 966 Ray Desira qal li kif waslu ra lill-vittma ma' l-art gharwiena wiccha 'l fuq u l-appellant Ibrahim jaghmel l-att sesswali. Kif ra lill-pulizija, harab jigri, ix-xhud gera warajh, l-appellant waqa' ma' l-art u waqqfu. Meta Ibrahim qam minn fuq il-vittma, kien hemm l-appellant l-iehor Muse Ali li

kellu l-jeans imnizzel sa rkubbtejh u *boxer shorts* blu li kif ra lil siehbu jqum minn fuq it-tfajla pogga hu fuqha izda nehhieh P.S. 645.

P.C. 829 Alan Dougall jghid li meta nizlu mill-karozza, P.S. 966 u P.S. 645 telqu jigru filwaqt illi hu dam ftti sekondi warajhom sakemm ghalaq il-karozza. Meta wasal fejn kien hemm it-tfajla gharwiena, kien hemm l-appellant Muse Ali gharkubbtejh bil-qalziet imnizzel sa l-irkobba u qalziet iehor minn taht u ma kien qiegehd jaghmel xejn. P.S. 645 qallu biex jimmannettja lil Muse Ali sakemm mar jghin lil P.S. 966 li kien telaq jigri wara l-appellant l-iehor.

Minn din ix-xiehda huwa evidenti li l-appellant Mohamed Hasan Ibrahim instab mill-pulizija *in flagrante*. Gie sottomess illi dan seta' kien qieghed "jithaxkem" fuq il-vittma minhabba s-sakra li kellu. Allura x'kien qieghed jaghmel biz-zipp imnizzel u bil-parti tieghu barra? U meta ra l-Pulizija ghaliex ipprova jahrab, u sahansitra pprova jahrab anke meta kien immanettjat? Kwantu ghall-appellant Mohamed Muse Ali huwa evidenti li dan kien lest biex jaghmel l-att sesswali. Kien diga` nizzel il-qalziet u kien ghadu biss bil-*boxer shorts*. Il-fatt li nizel fuq il-vittma meta harab l-appellant Ibrahim juri li kien proprju dak li kien qieghed jistenna, u l-fatt li nizel fuqha meta kienu diga` tfaccaw il-pulizija juri li ma kienx induna bihom u li mohhu kien biss f'dik it-tfajla. L-appellant Muse Ali jirreferi ghax-xiehda ta' P.C. 829 biex jipprova li huwa ma kien qieghed jaghmel xejn izda ma jghidx li P.C. 829 wasal wara z-zewg surgenti l-ohra u allura wara li P.S. 645 kien nehhieh minn fuq il-vittma. Hekk kif l-appellant Muse Ali ppozizzjona ruhu fuq il-vittma bejn saqajha, huwa beda l-esekuzzjoni tad-delitt ta' stupru u twaqqaf biss mill-Pulizija. U anke jekk f'dak il-mument ma lehaqx ikkommetta atti ta' vjolenza, minhabba l-istat tal-vittma l-attentat jitqies bhala wiehed vjolent mil-ligi stess (artikolu 201(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kwantu ghad-delitt ta' korruzzjoni ta minorenni, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri** deciz fl-20 ta' Marzu 1989 (Vol. LXXIII.v.1064) inghad:

**“L-artikolu 203 tal-Kodici Kriminal taghna gie modellat fuq l-artikolu 335 tal-Kodici Taljan imsemmi i.e. ta’ l-1889 u dan l-artikolu gie dejjem ikkunsidrat bhala li jirrikjedi fost affarijiet ohra li l-att ta’ libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri. Il-Codice Rocco biddel is-sitwazzjoni fl-Italja billi minn *‘delitto di danno’* ghamel dan id-delitt wiehed *‘di pericolo’* kif jispjega l-Manzini meta jghid *‘a differenza del Codice del 1889 non si esige per la consumazione che il colpevole abbia effettivamente cagionato la corruzione del minore’*;**

**Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 203 minhabba hajja ddedikata ghal-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta’ travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista’ jimmagina kif jista’ jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, izda hu cert ukoll li esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita` li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *in re* Il-Pulizija vs George Portelli (2-2-1975) fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-teorija tal-Maino, ‘mhux qed jinghad li l-persuna ga` parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta’ kwistjoni ta’ bilanc.’”**

Issa, jirrizulta li l-vittma f’dan il-kaz kien ghad ghandha sbatax-il sena meta sehh dan il-kaz u kienet ghadha *virgo intatta*. Dak li ghamlu l-appellanti kienu *atti di libidine* u ghalhekk atti li jikkorrompu. Kwindi din l-imputazzjoni tirrizulta wkoll.

Ghaldaqstant l-aggravji ta’ l-appellanti fil-mertu qeghdin jigu respinti.

L-appellanti jilmentaw ukoll dwar il-piena. Jghidu li hi esagerata meta wiehed iqis il-kondotta netta taghhom, il-kooperazzjoni taghhom mal-Pulizija, li ma sar ebda dannu fizika u psikologika lill-vittma, li minbarra l-perijodu li ilhom

taht arrest preventiv ghamlu xhur detenuti fil-kamp ta’ Hal-Far, li ghadhom zghazagh u piena karcerarja tkissrilhom hajjithom, u li fil-kaz ta’ l-appellant Mohamed Muse Ali l-partecipazzjoni tieghu kienet hafna anqas minn dik ta’ l-appellant l-iehor.

In materja ta’ piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kienet manifestament zbaljata. Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi certament fil-parametri tal-ligi. Il-fatturi msemmija mill-appellanti kienu fatturi maghrufa wkoll lill-ewwel Qorti. Dwar is-sottomissjoni li ma sar ebda dannu fiziku jew psikologiku, pero`, din il-Qorti hi certa li, anke jekk saret tali sottomissjoni lill-ewwel Qorti, ma setghetx tigi accettata kif mhux qed taccettaha din il-Qorti. L-ewwelnett il-vittma garrbet offizi fuq il-persuna taghha, u dan jirrizulta kemm mir-relazzjoni ta’ Dr. Mario Scerri kif ukoll mix-xiehda tal-vittma stess. Imbaghad mhuwiex possibbli li esperjenza bhalma ghaddiet minnha l-vittma f’dan il-kaz ma thalli ebda trawma psikoligika. Bizzejjed issir referenza ghal dak li l-vittma esprimiet lil W.P.C. 219 Erika Abela meta kienet qed tittiehed l-Isptar. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li jintqal f’**Blackstone’s Criminal Practice 2004**:

**“The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*’ (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *‘…that this court***

***never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.”*** **Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase ‘wrong in principle’. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ‘wrong in principle’) words to the effect that the sentence was ‘excessive’ or ‘manifestly excessive’. This does not, however, cast any doubt on Channell J’s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.”** [3]

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghal dik li hi l-piena nflitta.

Kwantu ghall-kundanna biex l-appellanti jhallsu l-ispejjez peritali, din il-Qorti tikkonferma din id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti salv in kwantu jirrigwarda r-rapport ta’ Dr. Marisa Cassar peress illi r-rapport taghha dwar il-kampjuni intimi tal-vittma kienu negattivi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan illi in kwantu tirrigwarda l-kundanna biex l-appellanti jhallsu l-ispejjez peritali tirrevokaha ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tar-rapport ta’ Dr. Marisa Cassar, u cioe` l-ispejjez ta’ dan ir-rapport m’ghandhomx jithallsu minnhom filwaqt illi l-ispejjez l-ohra jithallsu bin-nofs bejn l-appellanti.

---

[3] Page 1695, para. D23.45

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------